

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 4.4.2011
KUMM(2011) 162 finali

2011/0070 (APP)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Il-kuntest ġenerali

Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jiżgura l-pubblikazzjoni uffiċjali tal-leġiżlazzjoni u l-atti l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Ġie ppubblikat fuq il-karta sa mill-1958 u, sa mill-1998, kien disponibbli wkoll fuq l-Internet. Fis-snin riċenti, għadd dejjem jizjed ta' nies kienu qed jikkonsultaw *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fuq l-Internet peress li huwa konvenjenti u malajr, filwaqt li l-għadd tal-abbonamenti għall-edizzjoni stampata kien qed jonqos. Madankollu, billi l-edizzjoni stampata hija attwalment ikkunsidrata bħala l-uniku publikazzjoni valida u li torbot legalment, għalissa d-drittijiet legali ma jistgħux jintalbu u l-obbligi ma jistgħux jiġu infurzati fuq il-bażi tal-verzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan iddikjaratu b'mod ċar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża Skoma-Lux¹. Skont il-Qorti, '*... billi tagħmel il-leġiżlazzjoni disponibbli b'dawn il-mezzi (jiġifieri fuq l-Internet) mhux ugwali għal pubblikazzjoni valida f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fin-nuqqas tar-regoli f'dak ir-rigward fil-liġi tal-Komunità*'.*

1.2. Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

L-Artikolu 297 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-atti leġiżlattivi u l-atti mhux leġiżlattivi adottati fil-forma ta' regolamenti jew direttivi, li huma indirizzati lill-Istati Membri kollha, jew fil-forma ta' deċiżjonijiet, li ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati, għandhom jiġu ppubblikati f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-atti leġiżlattivi adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għandhom jiġu ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, filwaqt li l-atti l-oħra għandhom jiġu ffirmati mill-President(i) tal-istituzzjoni(jiet) li adottathom. Dawn l-atti jidħlu fis-seħħ fil-jum stipulat fit-test tagħhom jew fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom.

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom² tistabbilixxi f'aktar dettall il-mod kif l-istituzzjonijiet jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jipubblikaw it-testi leġiżlattivi. L-uffiċċju interistituzzjonali – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet – huwa responsabbli mill-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jiggarrantixxi l-awtentiċità tiegħu.

1.3. L-għanijiet tal-proposta

Il-proposta għandha l-għan li twessa' l-aċċess għal-liġi tal-Unjoni Ewropea u tippermetti li kulħadd (kemm jekk huma professjonali fil-liġi kif ukoll jekk huma membri tal-pubbliku ġenerali) joqgħod fuq l-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bħala dik uffiċjali u awtentika. Jekk il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*

¹ Is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007 fil-Kawża C-161/06, Skoma-Lux sro v Celní ředitelství Olomouc (Ġabra 2007, p. I-10841).

² Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ewropea tiġi rikonoxxuta bħala pubblikazzjoni valida, l-aċċess għal-liġi tal-Unjoni jista' jiġi żgurat liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea jingħu jkollhom aċċess virtwalment simultanju għal-Liġi tal-Unjoni Ewropea, immedjatament wara l-pubblikazzjoni u b'mod aktar ekonomiku peress li l-konsultazzjoni tal-pubblikazzjoni elettronika tkun bla ħlas. Barra minn hekk, l-aċċess għan-nies li jgħixu f'reġjuni ġeografikament anqas aċċessibbli fl-Ewropa jiġi ffaċilitat ukoll. Barra minn hekk, l-aċċess imtejjeb huwa appoġġjat mill-għanijiet tal-'EWROPA 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv'³ li għandha l-għan li jiżgura l-aċċess 'broadband' għal kulħadd sal-2013.

Il-proposta għandha l-għan ukoll li ttejjeb iċ-ċertezza legali meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali fejn il-pubblikazzjoni online isservi biss għal skopijiet ta' informazzjoni, peress li d-drittijiet ikunu jistgħu jitgawdew u l-obbligi jiġu infurzati fuq il-bażi tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-verżjoni elettronika awtentika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1.4. Konsistenza mal-politiki l-oħra u mal-għanijiet tal-Unjoni

Il-proposta hija kompletament konformi mal-politiki tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-inizjattiva ewlenija 'L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa'⁴ ippreżentata fil-kuntest tal-istrateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv EWROPA 2020. L-Aġenda Diġitali għandha l-għan li timmassimizza l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi fil-promozzjoni tas-suq diġitali. F'dan il-kuntest, l-aċċess għall-kontenut legali online jstimula l-iżvilupp tas-suq uniku diġitali peress li l-informazzjoni tas-settur pubbliku li b'hekk tkun disponibbli twassal għall-istabbiliment ta' servizzi online innovattivi.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew tal-Gvern Elettroniku 2011-2015⁵ li skontu l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu aċċess online għall-informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti tal-gvern, il-politiki u l-finanzi.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET INFORMALI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

L-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej huma rappreżentati fil-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, li huwa responsabbli mis-superviżjoni tal-iżvilupp strateġiku tal-attività tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. F'dan il-forum, l-istituzzjonijiet u l-korpi interessati kkunsidraw il-kwistjoni u esprimew l-appoġġ tagħhom għall-istabbiliment ta' edizzjoni elettronika awtentika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istati Membri ġew ikkonsultati wkoll dwar il-kwistjoni tal-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tkun legalment valida permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġiżlazzjoni Elettronika tal-Kunsill. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni ttrażmetta dokument informali lill-Kunsill fit-30 ta' Lulju 2010 li ġie diskuss f'żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġiżlazzjoni Elettronika fil-21 ta' Settembru u s-26 ta' Ottubru

³ KUMM(2010) 2020 finali; 3.3.2010.

⁴ KUMM(2010) 245 finali/2; 26.8.2010.

⁵ KUMM(2010) 743; 15.12.2010.

2010. Il-kummenti tal-Istati Membri wrew appoġġ qawwi għal pubblikazzjoni elettronika legalment valida⁶, iżda kienu aktar maqsuma fir-rigward tat-tkomplija tal-valur legali tal-verżjoni fuq il-karta; saru osservazzjonijiet fir-rigward ta’:

- L-għażla esklussiva tal-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, possibbilment preċeduta minn perjodu tranżitorju ta' ppubblikar paralleli fuq il-karta u fil-forma elettronika;
- L-ispiża tal-istampar ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-każ tal-għażla tat-tixrid paralleli permezz tal-edizzjonijiet stampati u elettroniċi;
- Ir-riskju ta' diskrepanzi bejn l-edizzjonijiet stampati u elettroniċi u l-bżonn li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar it-trattament tal-inkonsistenzi jew fuq il-verżjoni prevalenti;
- Ir-rwol limitat li l-edizzjoni stampata jista' jkollha fit-tixrid tal-leġiżlazzjoni tal-UE lil nies li ma jkollhomx il-mezzi biex jaċċessaw l-edizzjoni elettronika.

Fit-tnejn ta' din il-proposta l-Kummissjoni qieset il-kummenti kollha li ġew espressi. Inizjalment, il-pubblikazzjoni parallela fuq il-karta u fil-forma elettronika, li jkollhom saħħa legali ugwali, kienet preferuta, peress li kienet ikkunsidrata li tiżgura l-aktar aċċess mifrux possibbli għal-liġi tal-UE għaċ-ċittadini Ewropej. Madankollu, l-esperjenza Prattika tal-Istati Membri ssuġġeriet li l-benefiċċji jkunu marġinali u ma jegħlbox iż-żieda fil-kumplessità. Ġie rrimarkat ukoll li n-nies li jgħixu f'żoni ġeografikament anqas aċċessibbli jesperjenzaw diffikultajiet jew dewmien biex jirċievu l-edizzjoni stampata u li l-aċċess tagħhom għal-liġi tal-UE jkun iffaċilitat bl-edizzjoni elettronika awtentika.

Il-proposta għal Regolament tipprovdi li *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandu jiġi ppubblikat fil-forma elettronika li tħalli effetti legali. Il-pubblikazzjoni elettronika hija konsistenti mal-mira stabbilita mill-Istrateġija tal-Ewropa 2020 u l-inizjattiva ewlenija l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, li skonthom l-aċċess 'broadband' għandu jiġi żgurat għal kulħadd sal-2013. Is-sistema proposta tibbilanċja t-tħassib kemm dwar l-aċċessibilità kif ukoll dwar is-sempliċità.

- Minn naħa waħda, il-pubblikazzjoni elettronika valida tippermetti t-tixrid aktar mifrux mill-edizzjoni stampata. Matul l-aħħar ftit snin, kien hemm tnaqqis osservabbli fl-għadd ta' abbonamenti f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* filwaqt li l-użu tal-Internet fl-Unjoni Ewropea qiegħed jespandi – skont il-Eurostat, 70% tad-djar fl-2010 u 94% tal-intrapriżi fl-2009 kellhom aċċess għall-Internet. Barra minn hekk, il-konsultazzjoni tal-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tkun bla ħlas u tikkompara b'mod favorevoli mal-pubblikazzjoni stampata li għaliha l-ispejjeż li jintefqu għall-istampar u għat-trasport bil-baħar kien ikollhom jiġu ċċarġjati lill-pubbliku. Minkejja dan, qed tiġi pprovdata salvagwardja għall-persuni b'diżabilità li jistgħu jaċċessaw *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'format elettroniku speċifiku u għall-persuni li ma jistgħux, għal kwalunkwe raġuni oħra, jaċċessaw il-pubblikazzjoni elettronika, peress li dejjem se jkun possibbli li tinkiseb il-verżjoni fuq il-karta 'meta mitluba' iżda mingħajr valur legali (jiġifieri għall-finijiet ta' informazzjoni biss) jew mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jew bħala verżjoni stampata mill-Internet.

⁶ Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġiżlazzjoni Elettronika tas-26 ta' Ottubru 2010.

- Minn naħa l-oħra, is-sistema hija aktar sempliċi peress li r-regoli potenzjalment kumplessi dwar it-trattament tad-diskrepanzi bejn l-edizzjonijiet stampati u elettroniki ugwalment awtentiki mhumiex aktar meħtieġa.

2.2. Valutazzjoni tal-impatt li l-proposta aktarx ikollha

Saret analiżi mill-Kummissjoni biex tivvaluta tliet għażliet fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*:

- Għażla 1: Iż-żamma tal-istatus quo, fejn il-verżjoni fuq il-karta biss tikkostitwixxi l-pubblikazzjoni valida u l-verżjoni online ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sservi biss għall-finijiet tal-informazzjoni;
- Għażla 2: il-pubblikazzjoni online esklussiva ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
- Għażla 3: il-pubblikazzjoni simultanja fuq il-karta u online li jkollhom valur legali u effettività ugwali.

Il-provvediment tal-valur legali għall-edizzjoni elettronika għandu jkollu benefiċċji sinifikanti, peress li:

- l-aċċess għal-leġiżlazzjoni tal-UE jitwessa', isir aktar faċli u immedjat;
- l-aċċess għall-edizzjoni elettronika huwa bla ħlas u possibbli f'kull ħin;
- din il-pubblikazzjoni elettronika tkun konformi mal-prijoritajiet tal-Aġenda Diġitali maqbula bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u tistimula żieda fl-użu tas-servizzi online.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Dispożizzjonijiet ewlenin tal-proposta

Il-proposta tipprovdi li l-pubblikazzjoni elettronika tkun ugwali għall-pubblikazzjoni valida ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Madankollu, l-edizzjoni stampata tkun biżżejjed biex tiżgura l-effetti legali tal-pubblikazzjoni f'każijiet eċċezzjonali u temporanji ta' interruzzjoni mhux prevista fil-pubblikazzjoni elettronika minħabba raġunijiet tekniċi (eż. attackki ċibernetiċi, ħsarat mhux previsti fit-tagħmir) li jdumu għal aktar minn jum wieħed. L-edizzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* stampata f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha tiġi ppubblikata fil-forma elettronika kemm jista' jkun malajr wara li s-sistema teknika tiġi restawrata. L-edizzjoni stampata għandha tipprovdi d-data tal-pubblikazzjoni iżda l-edizzjoni elettronika sussegwenti tkun tipprevala fil-każ ta' differenzi.

Il-proposta titratta wkoll ir-rekwiżiti tekniċi li bihom il-pubblikazzjoni elettronika tkun ugwali għal publikazzjoni valida u tistabbilixxi l-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet f'dan il-qasam.

3.2. Bażi legali

L-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3.3. Prinċipju tal-proporzjonalità

L-ambitu tal-proposta huwa limitat għall-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-kundizzjonijiet tekniċi li bihom tista' tkun ugwali għal publikazzjoni valida.

3.4. Għażla tal-istrumenti

Ir-Regolament huwa l-uniku strument xieraq peress li huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha. Iċ-ċittadini Ewropej għandu jkollhom aċċess ugwali għal-liġi tal-UE u għalhekk l-aċċess għall-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandu jiġi żgurat bl-istess mod u taħt l-istess kundizzjonijiet għaċ-ċittadini Ewropej kollha.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-provvediment għall-pubblikazzjoni legalment valida ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-forma elettronika m'għandu l-ebda implikazzjoni baġitarja.

Madankollu, l-infrastruttura teknika li tappoġġja l-pubblikazzjoni elettronika teħtieġ investimenti relatati mal-IT. Abbażi tal-awtonomija amministrattiva, fl-2009 saret in-nefqa ta' EUR 38 000 għall-istabbiliment u l-ittestjar tas-sistema teknika qabel il-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-forma elettronika bħala awtentika. Aktar investimenti għall-iżvilupp u l-ispejjeż tal-manutenzjoni u tat-tħaddim tas-sistema għandhom jinġarru mill-istituzzjonijiet kollha peress li l-obbligu li jiġu ppubblikati t-testi leġislattivi hija tagħhom. Il-metodu tal-kalkolu tal-allokazzjoni tat-tqassim huwa bbażat fuq l-għadd ta' paġni ĠU L u C prodotti għal kull istituzzjoni fis-sena n-2. L-allokazzjoni għall-2011 ġiet stabbilita fuq il-bażi taċ-ċifri tal-2009:

- Il-Kummissjoni Ewropea: 47.64%;
- Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: 21.96%;
- Il-Parlament Ewropew: 21.94%;
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali: 3.29%;
- Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: 3.17%;
- Il-Qorti tal-Awdituri: 1.25%;
- Il-Kumitat tar-Reġjuni: 0.75%.

Id-dispożizzjonijiet baġitarji għandhom isiru f'konformità ma' din l-allokazzjoni tat-tqassim.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁷,

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) L-Artikolu 297 tat-Trattat jitratta l-pubblikazzjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u d-dħul fis-seħħ tal-atti legali tal-Unjoni.
- (2) L-edizzjoni stampata ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, hija attwalment l-uniku publikazzjoni li torbot legalment, għalkemm hija disponibbli wkoll online.
- (3) Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea⁸ tiżgura li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jippermetti li l-istituzzjonijiet jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jipubblikaw it-testi leġiżlattivi.
- (4) Isegwi mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-161/06 Skoma-Lux sro v Celni eċċ⁹, li l-atti legali tal-Unjoni mhumiex infurzabbli kontra l-individwi jekk ma jkunux ġew ippubblikati kif xieraq f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u li l-fatt li dawn l-atti jkunu disponibbli fuq l-Internet mhuwiex ugwali għal publikazzjoni valida f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fin-nuqqas ta' kwalunkwe regoli f'dak ir-rigward fil-liġi tal-Unjoni.

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁸ ĠU L 168, 30.06.2009, p. 41.

⁹ Ġabra 2007, p. I-10841.

- (5) Jekk il-pubblikazzjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-forma elettronika kellha tikkostitwixxi publikazzjoni valida, ikun possibbli l-aċċess aktar malajr u aktar ekonomiku għal-liġi tal-Unjoni.
- (6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa¹⁰ tenfasizza li l-aċċess għall-kontenut legali online jiffavorixxi l-iżvilupp tas-suq intern diġitali, li jwassal għal benefiċċji ekonomiċi u soċjali.
- (7) Ir-regoli li jiżguraw l-awtentiċità, l-integrità u l-inalterabilità tal-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom għalhekk jiġu stabbiliti.
- (8) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar qafas Komunitarju għall-firem elettronici¹¹ tistabbilixxi l-effetti legali tal-firem elettroniċi bħala mezz ta' awtentikazzjoni. Għall-finijiet tal-iżgurar tal-integrità, l-awtentiċità u l-inalterabilità tal-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-firma elettronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat u maħluqa b'taġħmir li joħloq firem siguri skont dik id-Direttiva tipprovdi garanziji biżżejjed għall-pubbliku.
- (9) L-aċċess għall-websajt EUR-Lex għandu jiġi żgurat fir-rigward tal-impenji għall-protezzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tikkonċerna l-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet¹².
- (10) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-għan li jippermetti liċ-ċittadini kollha Ewropej li joqogħdu fuq il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, peress li l-ambitu tiegħu huwa limitat biex jagħmel din il-pubblikazzjoni awtentika, bl-istess mod bħalma hija illum il-pubblikazzjoni stampata.
- (11) Għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, it-Trattat ma jipprevedix poteri għajr dawk taħt l-Artikolu 352,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandu jiġi ppubblikat fil-forma elettronika, fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, skont dan ir-Regolament.
2. *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ppubblikat fil-forma elettronika, minn hawn 'il quddiem l-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali*, għandu jkun awtentiku u għandu jipproduċi effetti legali.

¹⁰ KUMM/2010/245 finali/2.

¹¹ ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

¹² ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

Artikolu 2

1. L-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali* għandu jkollha firma elettronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat u maħluqa b'tagħmir li jgħid li jgħidli firem siguri, skont id-Direttiva 1999/93/KE. Iċ-ċertifikat kwalifikat u t-tiġdid tiegħu għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt EUR-Lex sabiex ikun possibbli għall-pubbliku li jivverifika l-firma elettronika avvanzata u l-karattru awtentiku tal-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali*.
2. L-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali* għandha turi l-informazzjoni rigward id-data tal-pubblikazzjoni tagħha.
3. L-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali* għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt EUR-Lex għal żmien illimitat. L-ebda ħlas m'għandu jintalab għall-konsultazzjoni tagħha.
4. Is-sit elettroniku EUR-Lex għandu jkun aċċessibbli għall-utenti kollha. *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandu jkun aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabbiltajiet f'format elettroniku alternattiv li m'għandux jipproduċi effetti legali. Il-verżjoni alternattiva għandha tkun disponibbli wkoll fl-arkivji.

Artikolu 3

1. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jista' jkompli jistampa *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-kopji stampati m'għandhomx ikunu awtentiki u m'għandhomx jipproduċu effetti legali, bla ħsara għall-Artikolu 4(2).
2. Għandu jiġi ċċarġjat ħlas li jammonta għall-ispejjeż tal-istampar u tat-trasport bil-baħar għall-kopji stampati ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

1. Fejn l-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali* hija inaċċessibbli minħabba interruzzjoni mhux prevista u eċċezzjonali fis-sistema tal-informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, l-aċċess għaliha għandu jiġi restawrat kemm jista' jkun malajr.
2. Jekk l-aċċess ma jkunx jista' jiġi restawrat fi żmien jum tax-xogħol wieħed, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandu jiġi ppubblikat fl-edizzjoni stampata li għandha tipproduċi effetti legali. L-edizzjoni elettronika korrispondenti ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali* għandha tiġi ppubblikata malli s-sistema tal-informazzjoni tiġi restawrata.
3. Id-data tal-pubblikazzjoni tal-atti legali ppubblikati skont il-paragrafu 2 għandha tkun id-data tal-pubblikazzjoni tal-edizzjoni stampata. Fil-każ ta' diskrepanzi bejn l-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali* u l-edizzjoni stampata ppubblikata skont il-paragrafu 2, dik tal-ewwel għandha tipprevala.

Artikolu 5

1. Fir-rigward tal-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jkun kompetenti biex:
 - (a) jippubblika l-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali* u jggarantixxi l-awtentiċità tagħha;
 - (b) jimplimenta, iħaddem u jmantni s-sistema tal-informazzjoni li tipproduċi l-edizzjoni elettronika, u jtejjeb dik is-sistema f'konformità mal-iżviluppi tekniċi tal-ġejjieni;
 - (c) jimplimenta u jestendi l-faċilitajiet tekniċi biex jiżgura l-aċċessibilità għall-utenti kollha tal-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali*;
 - (d) jistabilixxi s-sigurtà interna u r-regoli tal-aċċess fir-rigward tas-sistema tal-informazzjoni li tipproduċi l-edizzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali*;
 - (e) jippreserva u jarkivja l-fajls elettroniki u jużahom f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni.
2. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jeżerċità l-kompetenzi stabbiliti fil-paragrafu 1 skont id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...],

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Il-qasam(l-oqsma) tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. L-għan(ijiet)
- 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Id-dewmien u l-impatt finanzjarju
- 1.7. Il-metodu(i) tal-ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TAL-ĠESTJONI

- 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar
- 2.2. Sistema tal-ġestjoni u tal-kontroll
- 2.3. Miżuri ta' prevenzjoni għall-frodi u l-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) tal-baġit tan-nefqa effettwata
- 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*
 - 3.2.3. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*
 - 3.2.5. *Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fl-iffinanzjar*
- 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

1.2. Il-qasam(l-oqsma) tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

Mhux applikabbli, minħabba li l-proposta tikkonċerna n-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni u tal-istituzzjonijiet l-oħra li għandhom bżonn jipubblikaw l-atti adottati tagħhom f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Mhux applikabbli.

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Unjoni Ewropea fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta tikkontribwixxi għall-għan tal-iżvilupp tas-suq uniku għall-kontenut onlajn kif tipprevedi l-inizjattiva ewlenija 'L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa', ippreżentata fil-kuntest tal-Istrateġija EWROPA 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati

L-għan speċifiku

Il-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet u s-servizzi tal-informazzjoni onlajn liċ-ċittadini, in-negozji u l-udjenzi fil-mira (il-professjonijiet legali).

L-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata

Mhux applikabbli.

1.4.3. *Ir-riżultat(i) mistenni u l-impatt*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Il-proposta għandha fil-mira ċ-ċittadini u n-negozji tal-UE li għandhom jibbenefikaw billi jkollhom aċċess bla ħlas, immedjat u ssimplifikat għall-pubblikazzjoni awtentika ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

L-indikaturi tar-riżultat li għandu jsir monitoraġġ tagħhom matul l-implimentazzjoni tal-proposta huma:

- l-għadd ta' 'hits' fuq l-edizzjoni elettronika legalment valida ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

- l-għadd ta' ordnijiet għall-edizzjonijiet stampati meta mqabbel mal-għadd ta' abbonamenti meta l-pubblikazzjoni elettronika ma kellha l-ebda valur legali;

- l-għadd ta' lmenti mressqa quddiem l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet relatati mad-diffikultajiet fl-aċċess għall-edizzjoni elettronika legalment valida ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għal raġunijiet relatati mas-sistema ta' informazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Ir-rekwiżit(i) li għandu jintlaħaq fuq perjodu ta' żmien qasir jew fit-tul*

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb iċ-ċertezza legali billi tagħmilha possibbli li d-drittijiet u l-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea jintalbu jew jiġu infurzati fuq il-bażi tal-pubblikazzjoni fl-edizzjoni elettronika awtentika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-aċċess għall-pubblikazzjoni elettronika legalment valida għandu jiġi assigurat fil-ħin tad-dħul fis-seħħ tal-proposta.

1.5.2. *Il-valur miżjud bl-involviment tal-UE*

Billi l-proposta tikkonċerna l-forma tal-pubblikazzjoni ta' liġi tal-Unjoni Ewropea, huwa biss fil-livell tal-Unjoni Ewropea li tista' tittieħed l-azzjoni xierqa. Barra minn hekk, l-għażla tal-istrument tirrifletti l-hteġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-aċċess miċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea.

1.5.3. *Il-lezzjonijiet meħuda mill-esperjenzi simili tal-passat*

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kien preċedement jiġi ppubblikat fil-forma elettronika għall-finijiet ta' informazzjoni biss. Xejra sussegwenti li qed tiżdied favur konsultazzjonijiet tal-edizzjoni elettronika tiegħu hija konformi mad-direzzjoni ewlenija tal-proposta.

1.5.4. *Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

Mhux applikabbli.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali minn YYYY sa YYYY,

– segwit minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni previst (i)

Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet f'isem l-Istituzzjonijiet rappreżentati fil-kumitat tal-ġestjoni tal-UP, ara §2.1.

Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delegazzjoni tal-kompiti tal-implimentazzjoni

Ġestjoni bi sħab mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata mal-pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta mal-organizzazzjonijiet internazzjonali

Kummenti

Mhux applikabbli.

2. MIŻURI TAL-ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Huwa propost li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom, u, konsegwentement, fir-rigward tar-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ipprovduti b'dik id-Deċiżjoni.

2.2. Sistema tal-ġestjoni u tal-kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

Hemm riskju li jseħħu interruzzjonijiet tekniċi fis-sistema ta' informazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Dan l-impatt jista' jrendi l-edizzjoni elettronika inaċċessibbli. F'dawn il-każijiet, jekk l-aċċess ma jistax jiġi restawrat f'jum ta' ħidma wieħed, l-edizzjoni fuq il-karta tkun ugwali għal pubblikazzjoni valida.

Riskju ieħor identifikat huwa relatat mas-sigurtà u, biex jissupera dan, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huwa meħtieġ jistabilixxi, skont id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom, regoli dwar is-sigurtà interna u l-aċċess għas-sistema ta' informazzjoni.

2.2.2. Il-metodu(i) tal-kontroll previst(i)

Mhux applikabbli.

2.3. Miżuri li jipprevjenu l-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Mhux applikabbli.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) tal-baġit tal-infiq effettwata

- Il-linji tal-baġit tal-infiq eżistenti

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	AD/AMD ⁽¹³⁾	minn pajjiżi tal-EFTA ¹⁴	minn pajjiżi kandidati ¹⁵	minn pajjiżi terzi	fit-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
5	Il-Kummissjoni: 26011101 [Il-Ġurnal Uffiċjali (L u C)] Il-Parlament Ewropew: 3240 [Il-Ġurnal Uffiċjali] Il-Kunsill: 2211 [Il-Ġurnal Uffiċjali] Il-Qorti tal-Ġustizzja: 2740 [Il-Ġurnal Uffiċjali] Il-Qorti tal-Awdituri: 2740 [Il-Ġurnal Uffiċjali] Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali KES: 2604 [Il-Ġurnal Uffiċjali] Il-Kumitat tar-Reġjuni: 2604 [Il-Ġurnal Uffiċjali]	NDA	LE	LE	LE	LE

¹³ AD= Approprijazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprijazzjonijiet mhux differenzjati

¹⁴ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁵ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	" Nefqa amministrattiva "
--	----------	---------------------------

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

		Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	... daħħal kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL	
Istituzzjonijiet								
• Riżorsi umani		0	0	0	0			0
• Nefqa amministrattiva oħra (Linja(i) tal-baġit):	Il-Kummissjoni: 26011101	0.062	0.258	0.081				0.401
	Il-Parlament Ewropew: 3240	0.028	0.119	0.038				0.185
	Il-Kunsill: 2211	0.028	0.119	0.038				0.185
	Il-Qorti tal-Ġustizzja: 2740	0.004	0.017	0.005				0.026
	Il-Qorti tal-Awdituri: 2740	0.002	0.007	0.002				0.011
	Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali: 2604	0.004	0.017	0.006				0.027
	Il-Kumitat tar-Reġjuni: 2604	0.001	0.004	0.001				0.006
TOTAL tal-Istituzzjonijiet	Approprjazzjonijiet	0.129	0.541	0.171				0.841

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet)	0.129	0.541	0.171				0.841
--	---	--------------	--------------	--------------	--	--	--	--------------

3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*

- x Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu tal-appropriazzjonijiet operattivi

3.2.3. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu tal-appropriazzjonijiet amministrattivi
- x Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu tal-appropriazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn fuq:

Il-ħtiegħa f'termini ta' riżorsi umani u tan-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni li għandha tiġi ffinanzjata mill-intestatura 5 tintlaqa' mill-allokazzjoni eżistenti li nġhatat lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura tal-allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji. Għas-snin 2011 u 2012, dawn l-allokazzjonijiet ġew stabbiliti fil-B2011 u d-DB2012 rispettivament.

3.2.3.2. Ir-reqwiziti stmati ta' riżorsi umani

– x Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani supplimentari

– Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani

✓ Ir-riżorsi umani meħtieġa se jittieħdu minn persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew imqassma mill-ġdid fid-DĠ, flimkien jekk ikun meħtiegħ ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura tal-allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- x Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

3.2.5. *Il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet terzi*

- x Il-proposta/inizjattiva ma ttiprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- x Il-proposta/inizjattiva għandha dan l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - x fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

Il-linja tal-baġit tad-dħul:	L-appropriazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju kontinwu tal-baġit	L-impatt tal-proposta/inizjattiva ¹⁶					... daħħal kemm meħtieġ biex tirrifletti t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014				
Artikolu 502	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>				

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja(i) tan-nefqa tal-baġit effettwata.

26011101

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Attwalment, is-sors tad-dħul jingħata permezz tal-abbonamenti u l-ordnijiet għall-edizzjoni stampata ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ġaladarba l-edizzjoni elettronika tkun l-uniku pubblikazzjoni b'valur legali, l-għadd ta' abbonamenti huwa mistenni li jonqos u joqrob lejn iż-żero.

¹⁶ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.